31996L0028

L 140/30 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 13.6.1996

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 96/28/KE

ta' l-10 ta' Mejju 1996

li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 76/116/KEE dwar l-approsimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' fertilizzanti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/116/KEE tat-18 ta' Diċembru 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw għal fertilizzanti [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 89/530/KEE [2], u partikolarment l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi l-Artikolu 7a tat-Trattat jipprevedi żona mingħajr fruntieri interni fejn tkun assigurata ċ-ċirkolazzjoni libera ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital;

Billi d-Direttiva 76/116/KEE stabbiliet regoli għat-tqegħid fis-suq ta' fertilizzanti fis-suq intern;

Billi jeħtieġ li jiżdiedu fertilizzanti ġodda għall-Anness I mad-Direttiva 76/116/KEE sabiex huma jkunu jistgħu jibbenefikaw minn immarkar Komunitarju previst fl-Anness II ma' dik id-Direttiva;

Billi n-notifika 94/C 138/04 [3] tistabbilixxi proċedura li għandha tiġi osservata minn kwalunkwe persuna (il-fabbrikant jew ir-rappreżentant tiegħu) li tixtieq tapplika lil fertilizzant l-immarkar Komunitarju previst fl-Anness II mad-Direttiva 76/116/KEE, billi jiġi sottomess file tekniku lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri li jaġixxu bħala rapporteur għall-file lill-Partit tax-Xogħol dwar il-Fertilizzanti tal-Kummissjoni Ewropea;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Adattament għall-Progress Tekniku tad-Direttivi sabiex jitneħħew il-Barrieri Tekniċi għall-Kummerċ fil-Fertilizzanti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Anness I mad-Direttiva 76/116/KEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-fertilizzant inkluż fl-Anness I ma' din id-Direttiva għandu jiżdied mal-Parti A, il-punt 1 intitolat "Fertilizzanti nitroġeniċi"

2. Il-fertilizzanti nklużi fl-Anness II ma' din id-Direttiva għandhom jiżdiedu mal-Parti D, intitolat 'Fertilizzanti sekondarji nutrienti'

L-Artikolu 2

Il-prodott u t-tolleranza li ġejjin jiżdiedu taħt A.1. fl-Anness III mad-Direttiva 76/116/KEE:

"Sulfat Urea-ammonium ,5 %".

L-Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Mejju 1997. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fis-settur kopert b'din id-Direttiva.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-9 ta' Mejju 1996.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 24, tat-30.1.1976, p. 21.
[2] ĠU L 281, tat-30.9.1989, p. 116.
[3] ĠU C 138, ta' l-20.5.1994, p. 4.

L-ANNESS I

L-ANNESS I

A. **FERTILIZZANTI PURI**

1. **Fertilizzanti nitroġeniċi**

Nru	Deskrizzjoni tat-tip	Data dwar il-metodu ta' produzzjoni u ingredjenti essenzjali	Kontenut minimu ta' nutrienti (perċentwali skond il-piż) Data dwar l-espressjoni ta' nutrienti Ħtiġiet ohra	Data ohra dwar id-deskrizzjoni tat-tip	Kontenut tan-nutrient li għandu jiġi dikjarat Forom u solubilitajiet tan-nutrienti Kriterji ohra
1	2	3	4	5	6
…	…	…	…	…	…
"18	Sulfat urea-ammonium	Prodott ottenut kimikament mis-sulfat urea u ammonium	30 % N Nitroġenu espress bħala nitroġenu ammonijaku u ureiku Kontenut minimu ammonijaku nitroġeniku: 4 % Kontenut minimu tal-kubrit espress bħala triossidu tal-kubrit: 12 % Kontenut massimu biuret: 0,9 %		Nitroġenu totali Nitroġenu ammoijaku Nitroġenu ureiku Triossidu tal-kubrit solubili fl-ilma".

L-ANNESS II

L-ANNESS I

D. **FERTILIZZANTI SEKONDARJI NUTRIENTI**

Nru	Deskrizzjoni tat-tip	Data dwar il metodu ta' produzzjoni u ingredjenti essenzjali	Kontenut minimu ta' nutrienti (perċentwali skond il-piż) Data dwar l-espressjoni ta' nutrienti Ħtiġiet ohra	Data ohra dwar id-deskrizzjoni tat-tip	Kontenut tan-nutrient li għandu jiġi dikjarat Forom u solubilitajiet tan-nutrienti Kriterji ohra
1	2	3	4	5	6
…	…	…	…	…	…
"5.2	Idrossidu tal-manjesju	Prodott miksub kimikament u li għandu bħala l-ingredjent essenzjali tiegħu l-idrossidu tal-magensium	60 %MgO Daqs tal-partiċella: mill-inqas 99 % li jista' jgħaddi minn passatur ta' toqba daqs 0,063mm		Ossidu totali tal-manjesju
5.3	Sospensjoni ta' l-idrossidu tal-manjesju	Prodott miksub bis-sospensjoni tat-tip 5.2	24 % MgO		Ossidu totali tal-manjesju".